Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,658, 6 ta' Lulju, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXVIII tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, Kap. 296.

ACT No. XXXVIII of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Land Registration Act, Cap. 296.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

6 ta' Lulju, 2021

ATT Nru XXXVIII tal-2021

ATT biex jemenda l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, Kap. 296.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 296.

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

2. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali, il-kliem "Ir-reġistratur jista'" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Bla ħsara għal dak li jipprovdi l-artikolu 17(3), ir-reġistratur jista'".

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

3. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali, il-kliem "Ir-reġistratur jista'" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Bla ħsara għal dak li jipprovdi l-artikolu 17(3), ir-reġistratur jista'".

Żieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 16A tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħa ta' tneħħija ta' reġistrazzjoni.

16B. (1) B'żieda ma' kull setgħa oħra li l-Ministru għandu taħt l-artikoli 10, 15 u 16, kif ukoll taħt kull dispożizzjoni ta' dan l-Att, il-Ministru għandu jkollu s-setgħa illi jħassar ordni li jkun ingħata taħt l-artikoli 10, 15 u 16 ta' dan l-Att, b'effett mid-data li fiha l-ordni għat-tħassir jiġi ppubblikat fil-Gazzetta.

(2) Fejn isir ordni għat-tħassir kif provdut fis-subartikolu (1), dawk ir-reġistrazzjonijiet kollha li jkunu saru bis-saħħa tal-ordni mħassar jitqiesu mħassra u bla effett, ħlief għal dawk ir-reġistrazzjonijiet li wasslu għal titolu garantit skont l-artikoli 21 sa 25 ta' dan l-Att, iżżewġ artikoli inklużi.

(3) Kull kawzjoni, ipoteka, privileġġ jew jedd ieħor marbut ma' reġistrazzjoni mħassra skont is-subartikolu (2) għandha wkoll titqies imħassra u bla effett.".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

5. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Ebda art ma tista' tiġi rreġistrata taħt dan l-artikolu jekk tali art hija soġġetta għal ordni ta' tħassir maħruġ skont l-artikolu 16B.".

Żieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 51 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Dritt ta' azzjoni.

51A. (1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, l-Avukat tal-Istat għandu jkollu l-jedd u l-interess illi jressaq azzjoni bil-għan li jikkontesta kull reġistrazzjoni magħmula taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, u li ma saritx taħt jew wasslet għal titolu garantit, fejn:

(a) dik ir-reġistrazzjoni saret bi ksur ta' xi ħtieġa ta' dan l-Att, jew ta' kwalunkwe liġi oħra;

(b) dik ir-reġistrazzjoni tkun saret b'applikazzjoni li jkun fiha tagħrif żbaljat jew tagħrif li ma kellux iwassal għar-reġistrazzjoni tat-titolu;

(ċ) jirriżulta li l-persuna li favur tagħha saret ir-reġistrazzjoni tkun ħbiet mir-reġistratur fatti jew tagħrif li jkunu rilevanti għall-eżami li għandu jsir mir-reġistratur skont l-artikolu 18 ta' dan l-Att.

(2) Il-fatt li l-applikazzjoni li tkun wasslet għar-reġistrazzjoni tkun ġiet milqugħa u aċċettata mir-reġistratur ma għandhiex ixxekkel din l-azzjoni.

(3) L-Avukat tal-Istat jista' jeżerċita din l-azzjoni permezz ta' rikors ġuramentat li għandu jiġi ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fi kwalunkwe ħin wara li tkun saret ir-reġistrazzjoni li tkun se tiġi kkontestata, u liema rikors ġuramentat għandu jiġi ppreżentat fil-konfront tar-reġistratur u tal-persuna li favur tagħha tkun saret ir-reġistrazzjoni kkontestata.

Kap. 12.

(4) Azzjoni ppreżentata taħt din id-dispożizzjoni għandha tinstema' u tiġi deċiża skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(5) Fejn il-qorti tiddeċiedi li r-reġistrazzjoni għandha tiġi mħassra, ir-reġistratur għandu jħassar dik ir-reġistrazzjoni sa mhux aktar tard minn għoxrin (20) jum minn dik id-data li d-deċiżjoni ssir finali.

(6) Id-dritt ta' azzjoni mogħti lill-Avukat tal-Istat taħt din id-dispożizzjoni għandu jkun bla ebda ħsara għal kull dritt ieħor li jista' jkollhom terzi persuni, kemm taħt dan l-Att u kif ukoll taħt xi liġi oħra, sabiex jipproteġu d-drittijiet tagħhom kontra xi reġistrazzjoni li tkun saret skont id-dispożizzjonijiet ta' dan Att.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 482 tat-30 ta' Ġunju, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati